MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2009

Numru 552/2000

PULIZIJA
SPETTUR MICHAEL MALLIA
SPETTUR JOHN SACCO
SPETTUR ALEXANDER MIRUZZI
VS
FRANCIS VELLA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Francis Vella, ta’ 36 sena, iben George u Carmen nee’ Azzopardi, imwieled Msierah, limiti ta’ San Giljan fl-1 ta’ Dicembru, 1963, residenti ‘Welcome Flats,’ Flat 4, Triq il-Moroni, Gzira, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 68764(M);

Illi huwa akkuzat talli:

1) F’Santa Venera fl-1 ta’ Awissu, 2000 ghall-habta tas-7:30 ta’ filghaxija kkommetta serq ta’ somma flus

kontanti li tammonta ghal madwar tnejn u hamsin lira Maltin (Lm52) mill-fond “Top Models” sitwat fi Triq il-Kappillan Mifsud kantuniera ma’ Triq l-Omnibus liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin u li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ l-istess stabbiliment;

2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Anthony u Rita Bone, it-tnejn mis-Swieqi, lil Dennis Desira minn Rahal Gdid u lil Mario Mizzi mill-Pieta’ kontra l-volonta’ taghhom;

3) Fil-Qawra fid-29 ta’ Lulju, 2000 ghall-habta tat-3:45 ta’ wara nofs inhar ikkommetta serq ta’ kwantita’ ta’ deheb u flus kontanti mill-fond ‘Solid Gold Jewellery’ sitwat fi Triq il-Qawra liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) u li sar ghad-detriment ta’ Anthony Saliba minn San Pawl il-Bahar;

4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Pamela Attard minn San Pawl il-Bahar u lil Stephanie Azzopardi minn San Gwann kontra l-volonta’ taghhom;

5) F’dawn il-Gzejjer fl-1 ta’ Awissu 2000 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

6) Fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-hin li ghamel id-delitti ta’ serq kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar, arma regolati, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari.

7) Fl-ahhar nett akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f’diversi lokalitajiet f’Malta saq vettura ta’ l-ghamla Honda 70 bin-numru ta’ registrazzjoni FBG 554, minghajr licenzja tas-sewqan b’hekk ma’ kienx kopert b’polza tas-sigurta’ jew garanzija dwar ir-riskji ta’ terzi persuni, u dan kollu ai termini ta’ l-Artikolu 3, tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Prosekuzzjoni titlob illi f’kaz ta’ kundanna l-imsemmi Francis Vella li jigi skwalifikat milli

jkollu jew igib licenza tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn sena.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (fol.253B) taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-Verbal tas-6 ta' Gunju 2002 (fol.373) fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghal rigward ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza;

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni fuq indikata wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkonsidrat:

L-Ispettur John Sacco (a fol.17 et seq.) xehed illi fid-29 ta' Lulju 2000, il-Pulizija rcivew rapport ta' *Hold-Up* li sar f'Solid Gold Jewellery, Triq il-Qawra San Pawl il-Bahar.

L-Ispettur Sacco xehed li kellem lid-Direttur Anthony Saliba u zewg impjegati, Pamela Attard u Stephanie Azzopardi u spjegaw li kien dahal ragel b'arma (pistola) f'idejh u talabhom il-flus u xi gojjelli. Giet imsejjha nkjesta u gew elevati l-impronti digitali minn fuq il-post(fol.38 et seq.), in oltre', Attard u Azzopardi ttiehdu d-depozitu tal-Pulizija fejn sab *Electronic Identification Kit* (Dok.SS1

fol.22) minn Stephanie Azzopardi waqt li Dok.SS2 sar minn Pamela Attard (fol.23)

Spettur John Sacco xehed illi fl-1 ta’ Awissu 2000 twettaq Hold-Up fl-istabbiliment “Top Models” Triq il-Ferrovija Santa Venera ghal habta tas-7:45p.m. bl-istess modes operandi. L-impjegati ta’ l-istess hanut rnexxielhom jrazznu lil haliel sakhemm gew il-Pulizija u arrestawh. Il-persuna kienet l-imputat.

Spettur John Sacco xehed illi l-Pulizija nnutaw mall-ewwel illi l-imputat kien jixbah hafna d-deskrizzjoni mghotija minn Attard u Azzopardi u (ID kif li ghamlu) apparti li l-ilbies, b’mod specjali ghal *baseball cap,* nuccali tax-xemx u lighter b’forma ta’ pistola u il-modus operandi kien jixxibah ukoll.

Illi ghalhekk saret ID *Parade* u Stephanie Azzopardi u Pamela Attard gharfu lill-imputat bhala l-persuna li wettqet il-*Hold-Up* f’Solid Gold Jewellery.

Giet ezebita l-istqarrija ta’ l-imputat (Dok.SS3 a fol.24 et seq. fejn l-imputat ammetta l-*Hold-Up* ta’ Top Model izda mhux tas-Solid Gold.

Spettur John Sacco (fol.20) xehed illi saret tfittxija fir-residenza ta’ l-imputat Vella, minn liema residenza gew elevati diversi bicciet ta’ deheb ezebiti bhala Dok.SS4

Gew ezebiti ukoll nuccali ta’ xemx u lighter b’forma ta’ pistola.

A fol.33, PS 1374 Miruzzi kkonferma r-rapport tal-*Hold-Up* fil-hanut Top Model u li l-halliel kien ditenut mis-sidien ta’ l-istess hanut. Huwa xehed li acceda fuq il-post u kellem lis-sidien u qalulu li kien dahal ragel b’beritta b’ “Malta” minsuga fuqha, nuccali tax-xemx, b’pistola f’idejh u talabhom il-flus tal-*cash register*. Dan ir-ragel heddidhom diversi drabi li jisparalhom, ha l- flus u telaq mill-hanut bil-pass. Illi s-sidien segwewh u rnexxielhom jghelbuh u ddetenewh sakemm gew il-Pulizija.

PS Miruzzi xehed illi mill-bagalja, fuq il-parti ta' wara tal-mutur, il-Pulizija elevaw nuccali tax-xemx skur, beritta bil-kelma "Malta", qmis safra, pakkett sigaretti u lighter vjola. PS Miruzzi xehed li l-Ispettur Angelo Caruana wettaq tfittxija fir-residenza ta' l-imputat minn fejn gew elevati oggetti tad-deheb, xi brieret u arma tan-nar finta.

PS 1374 Edgar Dalli ezebixxa relazzjoni tieghu u halifha (Dok.ED1 a fol.38 et seq.)

WPC 77 Joanne Mamo (a fol.47) xehedet illi l-imputat Vella ma kellux licenza ta' arma tan-nar.

Spettur David Galea (fol.48 et seq.) ikkonferma x-xhieda ta' Spettur Sacco b'referenza ghal *Hold-Up* tas-Solid Gold Jewellery.

Stephanie Azzopardi (fol.50 et seq.) xehedet illi kienet *salesgirl* ma' Solid Gold Jewellery flimkien ma' Pamela Attard. Qalet li kien dahal ragel liebes *shorts* tad-*denim*, flokk abjad, niccali iswed u beritta bajda u talab ghal flus u ghal gojjelli. Hija ddeponiet u kellha tatieh il-flus, fethu l-vetrina u hu kien ha "*brazzuletti, rings, kollox kwazi*." (ara xhieda fol.51) Azzopardi gharfet lill-imputat bhala l-persuna li wettaq il-*Hold-Up*. Azzopardi xehedet illi l-imputat kellu arma f'idu u kellu *scarf* vjola imgezwra ma' idu u nnutat *tattoo* li kienet tidher ftit minn taht l-*iscarf*.

Stephanie Azzopardi xehedet illi l-imputat talabha basket tal-*plastic* lil Pamela Attard u din meta nizlet ghal basket ghafset l-*alarm button*.

Il-Pulizija gew xi tlett minuti wara li telaq l-imputat. Stephanie Azzopardi kkonfermat l-*Electronic ID Kit* u li hija ghamlet u kkonfermat l-ID Parade.

Pamela Attard (a fol.57 et seq.) ikkonfermat ix-xhieda ta' Stephanie Azzopardi. Gharfet lill-imputat u kkonfermat l-*Electronic ID Kit*.

Anthony Saliba (a fol.69) iddepona illi fid-29 ta' Lulju rcieva messagg telefoniku li kien qed jinsteraqlu l-hanut

tieghu u acceda fuq il-post fejn sab li l-Pulizija kienu gia waslu. Ikkonferma u ezebixxa Dok.SA1, lista ta’ oggetti ta’ deheb misruqa b’valur ta’ Lm3,128. Muri l-oggett tad-deheb elevati mir-residenza ta’ l-imputat, Saliba jghid li kellu oggetti tad-deheb bhal dawk li gew misruqa izda peress illi fis-suq hemm oggetti simili ghal bejgh ma setghax jikkonferma li dawk kienu.

Anthony Bone (fol.72) xehed illi fl-1 ta’ Awissu kien qieghed fil-hanut tieghu Top Model flimkien ma’ martu Rita Bone li tahdem bhala *salesgirl* fl-istess familja; kien hemm ukoll il-*patner* tieghu Mario Mizzi u habib taghhom Dennis Desira.

Anthony Bone xehed illi huma dak il-hin kienu fl-ufficju fuq il-parti ta’ wara tal-hanut u Rita Bone harget mill-ufficju ghax dahal klijent. Anthony Bone xehed illi ftit wara, sema lil martu twerzaq u hareg u sab ragel b’arma, liebes *jeans*, *basball cap* cara u nuccali iswed li pponta l-arma lejh u talbu il-flus. Hu tahomlu (Lm52) u l-halliel hareg ‘il barra. Bone xehed illi hargu warajh u rnexxielhom jaqbduh u sejhu lil Pulizija. Bone gharaf xehed li l-imputat kellu mutur.

Mario Mizzi (fol.77 et seq.) ikkonferma x-xhieda ta’ Anthony Bone, id-deskrizzjoni tal-halliel, kif heddet bl-arma, kif ha Lm52 mill-*cash register*, kif segwewh u zammewh sakemm gew il-Pulizija. Mizzi gharaf lill-imputat.

PS 768 Brincat xehed illi in segwitu ta’ rapport ta’ *Hold-Up* huwa acceda l-hanut Top Model, kellem lil Rita Bone, gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kienet gie mmanettjata mill-Ufficjali tas-CID; ipprezenta okkorrenza Dok.BJ1

PS 90 Gerada (a fol.85) addett mal-Mobile Squad xehedet li nghata struzzjonijiet biex jaccedi ghal hanut Top Model minhabba li sehh *Hold-Up*, u sab lill-imputat mizmum minn xi nies. Gerada gharaf lill-imputat bhala l-persuna detenuta. Wettaq tfittxija fuq il-persuna tieghu u xehed li sab arma fittizja fil-but tas-*shorts* li giet elevata. Gew

innutati xi marki fuq wicc l-imputat li ttiehed il-Policlinic u sussegwentement lil Police Headquarters. Gharaf l-arma ezebita in atti.

Dennis Desira (a fol.87) ikkonferma x-xhieda ta’ Bone u Mizzi, ikkonferma l-ilbies ta’ l-imputat, gharaf lill-imputat u kkonferma li l-imputat heddidhom b’arma, li gie mghoti Lm52, xehed dwar kif segwewh, ghelbuh u ddetenuh sakemm gew il-Pulizija. Desira xehed li l-imputat kien ser jahrab permezz ta’ mutur zghir tal-marka Suzuki jew Honda 70.

Spettur Angelo Caruana (a fol.105) et seq.) ikkonferma r-rapport tal-*Hold-Up* fuq hanut Top Model u l-istruzzjonijiet li ta lis-Surgenti tieghu u lil Mobile Squad. Ikkonferma li dawn ghaddulu arma fittizja li kienet lighter. Spettur Caruana kellem lis-sidien tal-hanut, li hadu lill-imputat il-Policlinic u l-Isptar u mbaghad is-CID. Spettur Caruana xehed illi huwa wettaq tfittxija fir-residenza ta’ l-imputat fejn gew elevati l-oggetti tad-deheb li gew ezebiti mill-Ispettur John Sacco. Ikkonferma l-istqarrija ta’ l-imputat. Spettur Caruana xehed illi saret ID Parade fejn Stephanie Azzopardi u Pamela Attard gharfu lill-imputat.

Gew ezebiti Dok.RC1, process verbal JB1 u process verbal JB2, Dok.ES1, Dok.ES2 u Dok.ES3, ID Parade.

Rita Bone kkonfermat ix-xhieda ta’ Anthony Bone, Dennis Desira u Mario Mizzi, ta’ kif l-imputat ipponta l-arma u talabha ghal flus, u kif wara hareg zewgha mill-ufficju tieghu ma’ Desira u Mizzi. Rita Bone gharfet lill-imputat.

Spettur Caruana (a fol.142 et seq.) ikkonferma l-istqarrija ta’ l-imputat u l-ircevuti (a fol.29 u 30 tal-process.)

PS 1182 Raymond Cassar (fol.145) ipprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu Dok.RC1

PS 1152 Manuel Saliba kkonferma li ha *hand over* minn PS 90, ta’ l-arma u c-cwievet fil-pussess ta’ l-imputat u ha lill-imputat il-Policlinic u l-Isptar u ezebixxa ID Parade Dok.ES1, Dok.ES2 u Dok.ES3.

Stephen Bartolo (a fol.150) xehed illi l-mutur tal-Honda 70 bin-numru tar-registrazzjoni FBG 554 kien propjeta’ tieghu u li kien sellef dan il-mutur lill-imputat fis-26 ta’ Lulju, 2000 sakemm Vella jirranga l-vettura tieghu.

A fol. 186 Alfred Camenzuli halef ir-relazzjoni tieghu Dok.AC1 (li tinstab a fol.199), waqt li Dr. Carlo Vigna ezebixxa u halef ir-rapport tieghu Dok.CV1 u Dok.CV2

Jose’ Herrera (a fol.240A) ikkonferma li l-imputat kellu licenza ta’ sewqan ta’ karozzi izda mhux ta’ mutur stante li kienet skaduta.

Fit-tieni xhieda teighu, Jose’ Abela (fol.252) xehed li l-imputat kellu licenza biex isuq muturi, karozzi u trakkijiet.

*Probation Officer* Mary Grace Vella ezebiet pre-sentencing report Dok.V (a fol.257 et seq.)

Fix-xhieda taghha, *Probation Officer* Vella kkonfermat illi l-imputat ghamel Programm ta’ Rijabilitazzjoni Kontra d-Droga u li nghata il-kura u kustodja ta’ zewgt itfal minuri.

In kontro ezami, Pamela Attard tat deskrizzjoni ta’ l-arma u regghet gharfet lill-imputat.

In kontro ezami, Stephanie Azzopardi (a fol.275), ikkonfermat ix-xhieda taghha, ddeskriviet l-arma u gharfet lill-imputat.

*Probation Officer* Mary Grace Vella, fit-tieni xhieda taghha kkonfermat li l-imputat kien *“probationer ideali”* li ezebiet *pre-sentencing report* (a fol.298)

Josephine Norman (a fol.348), oht l-imputat, xehedet illi l-imputat kien maghha fit-29 ta’ Lulju 2000, il-ghaliex dak iz-zmien kien ibghati minn *depression*, kien *suicidal* u t-tabib tieghu talabha ssegwih mill-vicin.

*Ex Probation Officer* Mary Grace Vella kkonfermat il-progress ta' l-imputat tul il-perijodu tas-supervizzjoni li wettqet mieghu.

Ikkonsidrat:

L-imputat ghamel ammissjoni piena ghal rigward tal-*Hold-Up* illi sehhet fuq il-Hanut "Top Model" u ammetta illi ssekwestra lil persuni ndikati fit-tieni akkuza. Illi ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiffoka fuq l-akkuzi rigwardanti l-*Hold-Up* illi sehhet f' "Solid Gold Jewellery", ftit jiem qabel il-*Hold-Up* tat-"Top Models". Wara li l-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda tal-Prosekuzzjoni, b'mod specjali, ghax-xhieda ta' Stephanie Azzopardi u Pamela Attard, illi a tempo vergine, hadu sehem f'dak illi jissejjah *Electronic Identification Kit* u li cioe permezz ta' *computer imaging* il-wicc ta' l-aggressur taghhom jigi mfassal skond id-deskrizzjoni tal-fattizzi illi taw l-istess tfajliet. Illi dan l-*Electronic Identification Kit* jinstab ezebit fil-process. Illi meta tlett ijiem wara dan il-*Hold-up* gie maqbud in fragrante dedicto l-imputat, il-Pulizija, li kellhom diga' f'idejjhom *Electronic Identification Kit* malajr intebbhu bl-assomiljanza kbira tad-Dok.SS1 u Dok.SS2 mal-fattizzi ta' l-imputat. Illi f'dan l-istadju, imbaghad, saru l- *Identification Parades* mill-Pulizija, fejn Azzopardi u Attard iddentifikaw lill-imputat minghajr tlaqlieq.

Din l-identifikazzjoni inekwivoka regghet saret quddiem din il-Qorti miz-zewg tfajliet Stephanie Azzopardi u Pamela Attard u jidher illi dawn it-tfajliet gharfuh mid-diversi fattizzi tal-wicc u anke *tattoos* illi kellu l-imputat.

Illi l-imputat ghazel li jammetti l-ewwel zewg akkuzi u ghal rigward ta' l-akkuzi relatati mal-*Hold-Up* ta' "Solid Gold Jewellery", l-imputat ressaq lil ommu, Josephine Norman, sabiex taghti alibi.

Ikkonsidrat:

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda ta' din Josephine Norman (a fol.348 et seq.) u tara illi din ix-xhieda, la

ghandha mis-sewwa, la hi verosimili u certament mhux ta' testimonjanza illi din il-Qorti tista' toqghod fuqha. Dana qed jinghad ghal diversi ragunijiet, fosthom illi din Josephine Norman ipprovat tpingi stampa ta' imputat illi dak iz-zmien kien ghaddej minn *depression* qawwija u profonda tant illi kien *suicidal* u tghid illi f'dawk iz-zminijiet hi kienet tkun mieghu ghal hinijiet twal, kwazi *erbgha u ghoxrin siegha* kuljum. Hi kkonfermat illi fl-ahhar tax-xahar hi kellha titlaq minn Malta u tmur l-Ingilterra u li allura certament, l-imputat ma setghax kien il-persuna illi wettaq il-*Hold-Up* fis-"Solid Gold Jewellery".

Illi bir-rispett din il-Qorti ma tarax illi l-imputat, fit-29 ta' Lulju jkun suicidali f'qiegh ta' sodda b'*depression,* waqt li fl-1 ta' Awissu, tlett ijiem wara, ikun kapaci li jwettaq il-*Hold-Up* fit-"Top Models" bil-manjiera sfaccata u super-konfidenti kif din il-Qorti semghet waqt it-testimonjanza.

Illi di piu', il-modus operandi taz-zewg *Hold-ups* kienu jaqblu perfettament u anke l-ilbies ta' l-aggressur kien kwazi identiku u anka t-tip ta' l-arma uzata kienet simili.

Illi di piu', kif xehed Anthony Saliba, sid il-"Solid Gold Jewellery" instabu fil-pussess ta' l-imputat, u cioe fir-residenza tieghu, gojjelli u oggetti tad-deheb simili ghal dawk illi gew misruqa tlett ijiem qabel mis-"Solid Gold Jewellery".

Illi din il-Qorti hi tal-fehema illi, fid-dawl ta' tali evidenza, l-imputat ghandu jinstab hati ghall-*Hold-Up* illi twettaq f'"Solid Gold Jewellery" fit-29 ta' Lulju kif ukoll fis-sekwestru taz-zewg tfajliet, cioe Pamela Attard u Stephanie Azzopardi.

Ghal rigward ta' l-arma, illi wara rrizulta illi kien *lighter/biro* tal-*plastic* b'forma ta' pistola, din il-Qorti rat il-gurisprudenza rigward imitazzjonijiet ta' armi u Hi tal-fehema illi din l-arma kienet imitazzjoni tajba ta' arma propja u, skond ix-xhieda, prodotta mill-Prosekuzzjoni, l-imputat certament uza dan il-gugarell bhala arma reali.

Ghal rigward ta’ l-ahhar akkuza, jirrizulta illi l-imputat kellu licenzja ta’ sewqan u kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni fi zmien indikat fl-akkuza. Illi ghaldaqstant ma tirrizultax l-ahhar akkuza.
Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, Francis Vella, hati ta’ l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba (4) akkuza, mhux hati tal-hames (5) akkuza stante li hija sussidjarja ghat-tielet (3) akkuza li minnha tilliberah, hati tas-sitt (6) akkuza u mhux hati tas-sebgha (7) akkuza li minnha tilliberah, u wara li rat l-Artikoli 253, 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 330, 279(b), 280, 281 u 17(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 19, 26 u 27 tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu massimu ta’ tlett snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qort ikellha l-opportunita’ tifli bir-reqqa, l-*pre-sentencing report* tal-*Probation Officer* Mary Grace Vella illi tat rapport eccellenti tal-progress illi l-imputat ghamel tul is-snin u kif irnexxielu jeghleb il-vizzju tad-droga u kif ha responsabilta’ tat-tfal tieghu billi ggieled u kiseb il-kura u l-kustodja ta’ zewgt itfal minuri u rnexxielu jrabbihom tajjeb.

In oltre’, din il-Qorti ma tistax ma taghmilx accenn ghal fatt illi dawn il-proceduri damu ghaddejjin quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif diversament preseduta ghal kwazi disgha (9) snin u gew terminati biss b’hafna diffikulta’ ta’ din il-Qorti. Din il-Qorti hija tal-fehema illi dan id-dewmien ma kienx ragonevoli u dana ghandu jigi rifless fil-piena akkordata lill-imputat li f’mankanza ta’ *pre-sentencing report* favorevoli, certament kien jispicca jinghata piena ta’ prigunerija sostanzjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------